25 ta' Frar, 1964.

Imħallef:

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Joseph F. Spiteri pro. et noe

*versus*

Salvatore Guillaumier pro. et noe

**Nullità — Kumulu ta' domandi f'ġudizzju wieħed.**

*Domandi jistgħu jiġu kumulati biex jiġu evitati ġudizzji iżjed milli hemm bżonn però dejjem kompatibilment mal-esiġenzi tal-każ u meta dana l-kumulu ma jjissirx trattazzjoni differenti, għaliex ikun hemm dika l-konnessjoni bejn ir-rapporti interċedenti bejn l-attur u d-diversi konvenuti, derivanti mill-istess titolu u mill-istess oġġett tal-kontestazzjoni, li jissuġġerixxu t-trattazzjoni unika u kwindi ġudizzju uniku; diversament iridu jsiru tant ġudizzji kemm ikunu l-konvenuti u t-trattazzjoni ssir separata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine wara li ppremetta illi huwa għandu jieħu minn għand ditta konvenuta " S. Guillaumier & Co." is-somma ta' mitejn u tnejn u erbin lira, sbatax-il xelin u sold (£242.17.1d) għal diversi forrituri ta' merkanzija u xogħlijiet magħmulin minnu, skond il-kontijiet hemm eżibiti (Dok "A") bl-imgħax kalkolati sa l-aħħar tas-sena 1962; u hu għandu jieħu minn għand id-ditta konvenuta "Guillaumier Import & Export Coy" is-

somma ta' tlieta u tmenin lira, sbatax il-xelin u tlett soldi (£83.17.3d) għall-diversi xogħlijiet u fornituri skond il-kontijiet hemm eżibiti (Dok B) bl-imgħax kalkolati sal-aħħar tas-sena 1962 — talab li, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun — il-konvenut f'ismu proprju u għaż-żewġ ditti tiegħu fuq imsemmija jiġi kundannat li jħallsu s-somma komplessiva ta' tlett mija sitta u għoxrin lira, erbatax-il xelin u erba' soldi (£26.14.4d) minnu dovuta għar-raġunijiet fuq stipulati. Bl-imgħax kummerċjali mill-wieħed (1) ta' Jannar, 1963. Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti prodotti ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċepixxi n-nullità taċ-ċitazzjoni peress li l-attur ipprova l-ġudizzju kollettiv għall-krediti dovuti minn ditti differenti u għall-kawżi diversi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-premessi fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur ma jridx jakkumula żewġ azzjonijiet f'waħda billi qed jitlob il-kundanna tal-konvenut f'ismu proprju u għaż-żewġ ditti tiegħu li jsemmi u anke ippreżenta żewġ kontijiet dwar dawna ż-żewġ ditti (Dok. A. a fol. 5/9 u Dok. B. a fol. 10/11); imbagħad fit-talba prinċipali għadd l-ammonti li jidhru fuq l-istess żewġ kontijiet b'mod li l-kundanna tal-konvenut fil-kwalitajiet premessi hija għall-ħlas ta' ammont uniku;

Omissis.

Illi l-konvenut ma ġiex kontradett f'dak li xehed fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Ottubru, 1963, u f'dak li ssottometta fin-nota tiegħu tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru, 1963 meta

għamel riferenza għaż-żewġ ditti konvenuti; u ċioè "Guillaumier Import and Export Company (fil-qosor G.I.E.C.) u l-oħra "S. Guillaumier & Co. Ltd.": minn dan jirriżulta li jekk hu personalment jista' jkun tenut għad-debiti tad-ditta msemmija fl-ewwel lok (jew bħala soċju, kif xehed li hu, jew, u anzi iżjed, bħala uniku proprjetarju, kif qal li hu fin-nota) l-istess ma jistax jingħad għad-debiti tad-ditta l-oħra li hija soċjetà anonima regolarment kostitwita (kif xehed u qal fin-nota) u għalhekk għandha personalità tagħha stess differenti minn dik tal-konvenut. U għalkemm iż-żewġ Ditti huma t-tnejn rappreżentati mill-konvenut, jibqa' dejjem il-fat li d-debiti ta' l-istess iridu jibqgħu separati u ma jistgħux jingħaddu flimkien kif għaddhom l-attur meta talab il-kundannat għall-ħlas fiċ-ċitazzjoni: dana l-kumulu ta' domandi jista' jsir mill-attur kontra l-istess debitur konvenut għal titoli differenti, anke fl-interess tal-konvenut. Hu ovvju li dan imur ukoll oltre l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut li evidentement tikkontempla l-każ ta' domandi separati kontra konvenuti differenti li, f'dik l-ipotesi, jiġu kundannati kull wieħed għall-ammont dovut minnu stess; hu ovvju wkoll għalhekk li tapplika b'akbar raġuni l-istess eċċezzjoni għall-każ preżenti li però anke fil-mod li hija sollevata, ħaqqha wkoll li tiġi akkolta; infatti hu magħruf li domandi jistgħu jiġu kumulati biex jiġu evitati ġudizzji iżjed milli hemm bżonn però dejjem kompatibilment mal-eżiġenzi tal-każ u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti għaliex ikun hemm dika l-konnessjoni bejn ir-rapporti interċedenti bejn l-attur u d-diversi konvenuti, derivanti mill-istess titolu u mill-istess oġġett tal-kontestazzjoni, li jissuġġerixxu t-trattazzjoni unika u kwindi ġudizzju uniku; diversament iridu jsiru tant ġudizzji kemm ikunu l-konvenuti u t-trattazzjoni ssir separata. Konferma ta' dan il-prinċipju tinsab fir-regoli li jinformaw l-istitut tal-kjamata in kawża, u ċioè l-integrità tal-ġudizzju u l-eliminazzjoni tal-molteplicità tal-ġudizzji fuq l-istess ħaġa. Fil-każ preżenti si tratta ta' żewġ krediti ta' l-attur kontra żewġ konvenuti differenti u għal raġunijiet differenti u kwindi bl-ebda mod konnessi ma' xulxin u kwindi kellhom

jiffurmaw oġġett ta' azzjonijiet separati — salv li dik minnhom li l-meritu tagħha tista' tiddependi minn dak tal-kawża l-oħra riferita (fejn il-konvenut, allura attur, jidher għan-nom taddittà "Guillaumier Import and Export Company" jew G.I.E.C.) titmexxa ma' dik il-kawża;

Għal dawn il-motivi:—

Tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-proċedura segwita millattur u kwindi tillibera lill-konvenut kif ċitat mill-azzjoni kif proposta, bl-ispejjeż kontra l-attur proprio et nomine; salv lil dan kull dritt tiegħu jekk u skond il-liġi.